31994D0184

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-23 ta' Novembru 1993
dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija dwar il-protezzjoni u l-kontroll reċiproku tal-ismijiet tal-inbid

(94/184/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Filwaqt li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l- Komunità Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 113 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Ftehim negozjat bejn il- Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija dwar il-protezzjoni u l-kontroll reciproci tal-ismijiet tal-inbid ser jgħin biex irendi l-miżuri għall-eliminazzjoni tal-konkorrenza żleali fil-kummerc aktar effettivi, jaċċerta livell ogħla ta' protezzjoni tal-konsumatur u jippromwovi l-kummerċ fl-inbid bejn il-Partijiet Kontraenti; billi huwa għalhekk mixtieq li l-Ftehim imsemmi jiġi approvat;

Billi, sabiex tigi facilitata l-implimentazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet tal-Ftehim, il-Kummissjoni għandha tiġi awtorizzata li tagħmel l-aġġustamenti tekniċi kollha meħtieġa skond il-proċedura msemmija f'Artikolu 83 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 822/87 tas-16 ta' Marzu 1987 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid [1];

Billi, minħabba li d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim huma direttament marbuta mal-miżuri koperti bil-politika komuni kummerċjali u agrarja, dan il-Ftehim għandu jkun stabbilit fuq livell Komunitarju,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija dwar il-protezzjoni u l-kontroll reċiproku tal-ismijiet tal-inbid u l-Protokoll mehmuż miegħu huma b' dan approvati għall-Komunità.

It-test tal-atti msemmija fl-ewwel paragrafu huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b' dan awtorizzat li jinnomina 'l-persuna li tkun awtorizzata li tiffirma l-Ftehim sabiex tiddepożita l-istrument tal-approvazzjoni mill- Komunità.

Il-President tal-Kunsill għandu jagħmel in-notifika msemmija f'Artikolu 19(1) tal-Ftehim.

Artikolu 3

Għall-għanijiet ta' Artikolu 13 tal-Ftehim, il-Kummissjoni hija b' dan awtorizzata li tikkonkludi l-atti meħtieġa li jemendaw il-Ftehim, skond il-proċedura msemmija f'Artikolu 83 tar-Regolament (KEE) Nru 822/87.

[1] ĠU L 84, tas-27.3.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KEE) Nru 1566/93 (ĠU L 154, tal-25.6.1993, p. 39)

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussell, it-23 ta' Novembru 1993

Għall-Kunsill

Il-President

G. MORAITIS